MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 246/2008/1

**Conris Pace Rivans**

**vs**

**Joseph Rivans u Francis Rivans**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Lulju, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet rizarciment ta' tlett elef, erba' mija u disghin Euro (€3,490) jew somma ohra verjuri li tigi ffissata mit-Tribunal in rapprezentanza ta' nfieq ghal-ommha, Mary Grace Rivans, peress illi hija qieghda tiehu hsieb lil ommha, Mary Grace Rivans, illi l-esponenti ghandha zewgt (2) hutha wkoll illi gew

interpellati sabiex ihallsu sehemhom mill-ispejjez sabiex jiehdu hsieb lil ommhom li rrifjutaw;

Illi l-esponenti sal-lum nefqet tlett elef, erba’ mija u disghin Euro (€3,490) ghal dawn l-ahhar erba’ (4) xhur; u ghalhekk qieghda titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti ihallsu bejniethom din is-somma, jew somma ohra verjuri li tigi ffissata minn dan it-Tribunal.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta konguntiva tal-konvenuti fejn eccepixxew illi preliminarjament l-eccipjenti jitolbu, ai termini tal-Artiklu 176(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, illi l-attrici tfornihom b’kopja cara, u facilment legibbli, tal-avviz promotur u jirriservaw minn issa stess illi jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri meta jkun l-kaz f’qaghda li jgharfu l-kontenut shih tal-kitba tal-avviz.

Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti m’humiex il-legittimi kuntradittur f’din il-kawza u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi f’kull kaz, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet dwar il-mertu, jigi rilevat illi omm il-kontendenti, Mary Grace Rivans, diga’ kkumpensat preventivament lill-attrici ghas-servigi kollha li setghet ipprestatilha sal-lum u ghal dawk is-servigi kollha li tista’ tipprestalha sad-data tal-mewt taghha u dan billi assenjatilha proprjeta’ mmobbli u ghaldaqstant ma hu dovut l-ebda hlas lill-atturi ghal xi allegati servizzi rezi.

Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Ra u sema' x-xhieda ta' Conris sive' Connie Pace Rivans, Psikjatra Dr. Jospeh Spiteri, Jospeh Rivans u Franco Rivans.

Ra illi fis-7 ta' Awissu, 2008 l-attrici pprezentat rikors sabiex tidhol fil-kawza l-imsemmija Mary Grace Rivans, u dan bi prokura ta' Mary Grace Rivans moghtija lill-bintha l-attrici fil-kawza llum. Illi maz-zmien is-sahha mentali ta' Mary Grace Rivans bdiet sejra hazin u `llum giet iccertifikata mill-Psikjatra Jospeh Spiteri illi tbati mid-dimenzja u ghalhekk ma tistax tattendi l-Qorti. It-Tribunal, b'digriet moghti fl-1 ta' Settembru, 2008 cahad dan ir-rikors, stante illi meta l-kawza giet ipprezentata, u cioe' fil-5 ta' Marzu, 2008, omm ir-rikorrenti kienet diga tbati mid-dimenzja u jirrizulta wkoll illi kienet tbati mid-dimenzja sa qabel il-ftuh tal-kawza mill-attrici. Fil-fehma tat-Tribunal kellhom jittiehdu proceduri diversi sabiex jigu kkawtelati d-drittijiet ta' omm l-attrici, u mhux li tissejjah kjamata in kawza.

Sema' t-trattazzjonijiet tal-partijiet.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' sehem il-konvenuti ghal spejjez maghmula mill-attrici tul erba' (4) xhur fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u disghin Euro (€3,490), waqt li tiehu hsieb lil ommha, liema talba giet ikkontestata kemm fil-mertu u kemm fuq punt legali. Illi primarjament il-konvenuti qeghdin jikkontendu illi huma m'humiex il-legittimi kuntraditturi f'din il-kawza u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Illi fil-mertu, qed jigi kkontestat illi l-attrici, u cioe' Conris Pace Rivans, giet diga' kumpensata ghal servigi kollha ipprestati lil ommha sal-mewt taghha, u dan billi omm l-attrici assenjat d-dar taghha lill-attrici.

Mill-provi jirrizulta illi l-attrici tiehu hsieb ommha, li hija mara anzjana ta' hamsa u sebghin (75) sena,

u xi hdax-il (11) sena qabel kienet xtrat id-dar ta' ommha li kienet ftit bibien 'l boghod mid-dar taghha, u peress illi d-dar kienet ikkundannata dahlet lil ommha tghix maghha sakemm, bi ftehim ma hutha, terga' tibnilha d-dar. Illi l-attrici tiggestixxi l-pensjoni ta' ommha fl-ammont ta' hames mija u tmienja u tmenin Euro (€588) fix-xahar u minnhom thallsilha l-medicina u l-ikel ghal dieta specjali. Illi hija gieli kienet iccempel lil hutha sabiex titlobhom ghajnuna finazjarja, izda huma kienu iwegbuha illi hija kellha l-post t' ommha u ghalhekk kellha tiehu hsiebha hi. L-attrici qeghda tippretendi rimbors ta' spejjez maghmula minnha kif ukoll kumpens ghal xoghlha. Xehdet illi hija qieghda titlob din is-somma ghaliex qieghda taghmilha ta' '*nurse*' ma ommha u titmahha kuljum. Qalet ukoll illi d-dar hija mnifda ghal go taghha. L-attrici qalet illi hijha sahansitra waqfet mix-xoghol taghha fejn kienet taqla '*circa*' elf, mija u erbgha u sittin Euro (€1,164) fix-xahar sabiex tiehu hsieb zewg (2) uliedha u lil ommha. In kontro-ezami qalet illi l-kcina tad-dar ta' ommha giet mnifda mad-dar taghha u kienet issajjar borma wahda (1). Qalet ukoll illi hija kellha prokura minn ommha u li kienet ilha tuza din il-prokura tul l-ahhar sena, izda peress illi ommha qed isofri b'dizabilita' mentali, m'hijiex f'posizzjoni li tifhem x'qed jigri.

It-Tribunal jirrilleva illi minn prospett ipprezentat mill-attrici, hija tghid illi tonfoq l-ekwivalenti ta' sitt mija u tnejn u tletin Euro u tlett centezmi (€632.03) u ommha ghandha pensjoni ta' hames mija u tmienja u tmenin Euro (€588) kull xahar. Illi mill-provi jirrizulta illi omm l-attrici kienet ghamlet donazzjoni tad-dar taghha bil-valur ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000), ekwivalwenti ghal hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), lill-attrici u wara mewt ommha sehem hutha kellu jithallas lilhom fiz-zmien hames (5) snin. L-attrici ghandha ghalhekk thallas lill hutha is-somma ta' sitt elef, mitejn u

hdax-il Euro u erbgha u sittin centezmi (€6,211.64), gja' elfejn, sitt mija u sitta u sittin liri maltin u sitta u sittin centezmi (Lm2,666.66), kull wiehed minnhom wara l-mewt ta' ommhom.

Illi hlief ghal-prospett ezebit, ma gewx ezebiti ebda ricevuti tal-ammonti mitluba.

It-Tribunal jifhem u jirrikonoxxi x-xoghol li qieghda taghmel l-attrici fil-konfront ta' ommha u jifhem illi m'huwiex facli li tiehu kura kuljum ta' mara anzjana b'dizabilita'. Izda t-Tribunal jirrizultalu illi t-talbiet tal-attrici huma in tempestivi. Illi hija ma tistax titlob servigi lil hutha waqt li ommha ghadha hajja u ghandha pensjoni biex tghix biha u dar fejn toqghod tul hajjitha. Lit-Tribunal ma jidhirlux illi dan huwa kaz li jaqa' taht id-dispozijonijiet tal-Artiklu 12 tal-Kap. 16 dwar manteniment kemm ta' axxendenti u dixxendenti kif intqal mill-attrici. Illi '*in oltre*' ma jirrizultax lit-Tribunal illi omm l-attrici hija minghajr dar u minghajr mezzi sabiex isosstni lilha nnifisha, u ghaldaqstant l-attrici ma tistax titlob lil hutha  ghajnuna finanzjarja sabiex tmantni lil ommha. F'dan il-kaz hija ghandha  tirrikorri mod iehor, izda mhux permezz ta' din il-kawza.

It-Tribunal jirrilleva illi  rigward ir-rimbors tal-ispejjez, il-Gvern joffri servizzi kemm ta' ghajnuna fid-dar u kemm sistema ta' '*Meals On Wheels'* ghall-anzjani, u jezistu servizzi ohra ghac-cittadini b'dizabilita' li omm l-attrici tista' tibbenefika minnhom u illi bl-uzu ta' l-istess zgur jonqos mill-infieq ezebit fil-prospett jekk hija, kif qieghda tallega, m'hijiex qed tlahhaq mall-hlasijiet. Illi jirrizulta illi l-attrici irceviet d-dar ta' ommha bl-uzu ta' ommha fiha tul hajjitha, u din id-dar diga' giet mnifda ghal mad-dar tal-attrici.

It-Tribunal ihoss illi fic-cirkostanzi hut l-attrici ghandhom jaghtu sehemhom u jghinu lil ommhom billi jzuruha u jiehdu aktar hsieb lil ommhom, illi ghalkemm ohthom inghatat d-dar ta' ommhom, u

dan dejjem bil-kunsens ta' hutha li wara kollox ha jkunu kkumpensati wara mewt ommhom, m'ghandhomx ghalfejn ma jaghmlux il-parti taghhom u jghinu fil-kura t' ommhom. Omm ta' familja fi xjuhitha m'ghandhiex titqies bhala xkiel minn ebda wild taghha, izda wiehed ghandu jifhem illi m'ghandux jerfa' l-piz kollu wahdu wiehed mill-ahwa biss.

Illi wara li sema' u evalwa il-provi, kif ukoll evalwa d-dokumenti ezebiti in atti, t-Tribunal huwa tal-fehma illi din hija kawza semplici diviza bejn talba ghall-ispejjez maghmula kif ukoll ghal servizzi pprestati. Illi r-rimbors ta' spejjez illi qieghda titlob l-attrici fil-fatt ma gewx ippruvati hlief ghal prospett ezebit minnha. Ma gew ezebiti ebda ricevuti in sostenn tal-prospett ezebit. Illi ghandu jkun ritenut illi omm il-partijiet ghandha pensjoni u dar fuq rasha u jista' jkun illi ghandha flus fil-Bank, kif ukoll ghad hemm possibilita' ta' wirt li ser imiss lilha skont ix-xhieda tal-partijiet. Illi fil-fehma tat-Tribunal, in materja ta' pretensjoni ta' servigi rezi, kemm il-Ligi u kemm l-gurisprudenza taghna, jirritjenu illi sabiex jinghata kumpens dan ghandu jintalab wara l-mewt ta' persuna jew l-axxendenti ghandha bzonn manteniment mid-dixxendenti taghha. Illi rigward rimbors gall-ispejjez l-attrici ghandha tirrikorri lill-ommha jew ghandha tigestixxi l-pensjoni ta' ommha b'aktar ghaqal.

Illi fil-kaz quddiem dan it-Tribunal ma jidhirlux illi hut l-attrici ghandhom jirrispondu ghat-talbiet attrici. It-Tribunal jidhirlu lli wara li sema' u evalwa l-provi l-konvenuti m'ghandhomx jirrispondu ghat-talbiet attrici f'dan l-istadju dment illi omm l-attrici hija hajja u ghandha mezzi taghha u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Izda ghalkemm it-Tribunal huwa konvint illi l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, dan ma jfissirx illi l-fehmiet espressi

> mill-Gudikatur dwar ir-responsabbilita' lejn il-genituri ghandhom jigu njorati u jekk kemm-il darba l-attrici qieghda tohrog spejjez li jaqbzu l-ammont tal-pensjoni, dawn ir-ricevuti ghandhom jinzammu minnha gahll-uzu fil-futur. Illi in oltre l-attrici ghandha fakolta' li titlob ghal servizzi ghac-cittadini b'dizabilita' jew ghas-serviziz lill-anzjani.
>
> Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-talbiet attrici fil-waqt illi jillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> Spejjez a karigu tal-attrici."

Appellat minn din is-sentenza l-attrici bl-aggravji f'din l-ordni:-

1. Is-sentenza tat-Tribunal hi radikalment nulla in vista tal-kontraddizzjoni fil-parti decizorja taghha fejn minn banda hu dikjarat li l-konvenuti qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u mill-banda l-ohra t-talba attrici qed tigi michuda. Fl-istess kuntest l-appellanti tissottometti wkoll illi t-Tribunal ikkommetta *non sequitur* meta ghadda biex cahad it-talbiet attrici minghajr ma ddikjara wkoll jekk kienx qed jilqa' jew jichad l-eccezzjoni tal-konvenuti fil-mertu;

2. It-Tribunal ipprovda diversament fuq il-kap ta' l-ispejjez in kwantu mentri f'waqt minnhom qal li l-ispejjez huma a karigu taz-zewg partijiet spicca biex akkolla dawn l-istess lill-attrici;

3. Id-decizjoni tat-Tribunal tmur b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-ekwita` skond il-ligi u b'hekk ippregudikat il-jeddijiet taghha;

Qabel investigazzjoni ta' dawn l-aggravji l-Qorti thoss li ghandha ghal darb'ohra tirrepeti anke hawn illi sentenza pronuncjata minn kwalsiasi qorti jew tribunal ghandha fil-minimu ssegwi l-precetti tal-ligi procedurali kif prevvisti fl-

Artikoli 218 u 219 tal-Kapitolu 12. Ukoll, it-tribunali ta' kwalsiasi forma u gurisdizzjoni ghandhom jevitaw li jaghmlu riflessjonijiet zejda jew jaghmlu uzu minn kliem ambivalenti, illustrattivi ta' certu stat ta' indecizjoni jew ta' hsieb mhux ghal kollox intelligibbli. Maghdud dan, fejn Qorti ta' revizjoni tigi rinfaccjata b'eccezzjoni tan-nullita` ta' sentenza, hu dejjem dover taghha li tgharbel il-portata precettiva tas-sentenza u li tiddetermina jekk in-nullita` opposta ghandhiex tigi, jew le, attiza meta konsiderata mill-perspettiva ta' l-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12;

Fil-kaz prezenti, mill-mod kif it-Tribunal esprima ruhu fil-parti konkluzjonali tas-sentenza, jirrizulta li d-dikjarazzjonijiet li ried li jkunu decizivi huma koncepiti f'zewg sensi. Minn naha, ic-cahda tat-talbiet attrici. Minn naha l-ohra, il-liberazzjoni *ab observantia* tal-konvenuti;

Issa ghall-precizazzjoni, fuq dan l-ahhar *ratio decidendi,* jinsab enuncjat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali in re: "**Joseph Staines *nomine* -vs- Roberto Pace**", 17 ta' Novembru, 1930 illi "*la liberatoria dall'osservanza del giudizio si accorda come massima nei casi di mancato ottemperamento alle disposizioni della legge riguardanti propriamente il rito che deve accompagnare la proposizione e la condotta della lite, come sarebbero i difetti nella citazione, nella malleveria per le spese, la non comparizione dell'attore, e simili; ma come sentenziò questa Corte in re:* ***Grech utrinque*** *l'otto febbraio 1878 (**Collez. VIII p 443**) quando l'attore non prova nel merito, il reo convenuto secondo la legge deve essere assolto in modo definitivo ed anche finale, e non gia per via di una sentenza liberatoria dall'osservanza del giudizio ...*". Hekk b'illustrazzjoni tal-liberatorja hu l-kaz fejn parti timpunja s-sentenza b'nullita permezz ta' kawza ohra minflok ir-rimedju ordinarju ta' l-appell jew tar-ritrattazzjoni. Ara "**Salvatore Fenech -vs- Emmanuel Borg**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' April, 1962. Wiehed ma jridx jinsa mbaghad illi fejn sentenza tkun illiberat *ab observantia*, ma jistax jinghad li kien hemm gudikat vinkolanti bejn il-partijiet, u l-kwestjoni tista' allura tigi konsiderata *ex novo*.

Ara a propozitu s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, sede Civili, tas-27 ta’ April, 1953 in re: “**Louis Borg -vs- Orlando Debono**”;

Konsiderat l-iskop tal-kawza odjerna u l-oggett principali tat-talba kif ifformulata fl-Avviz, din il-Qorti hi tal-fehma illi t-Tribunal adit, la darba dehrlu li ma kellux jakkolji it-talba ta’ l-attrici u, anzi, cahadha fil-mertu, hu kellu jieqaf hawn u mhux jghaddi ghal-liberazzjoni tal-konvenuti mill-gudizzju, anke ghaliex strettament ma kien jezisti ebda ntopp ta’ indoli ritwali, kif fis-sentenza precitata mfisser, li fuqu setghet tirpoza dik l-ordni gudizzjali tat-Tribunal fil-parti diposittiva tas-sentenza. Anzi, mit-tifsira li b’xi mod tista’ tinsilet mill-parti konsiderativa ta’ l-istess sentenza, tnehhi l-kummenti superfluwi, jidher li l-*iter* tal-hsieb identifikabbli hu dak illi t-talba kif dedotta ma setghetx tigi utilment suffragata skond il-ligi di fronte ghall-konvenuti, u li, se mai, talba bhal dik kellha, u setghet tircievi konsiderazzjoni, indipendentement mill-procedura prezenti, u di fronte ghall-haddiehor terz li ghal beneficcju tieghu gew inkorsi l-ispejjez jew prestati s-servigi, dwar liema l-appellanti qed tippretendi r-rimbors jew il-kumpens;

Apparti dan, fiz-zgur, l-oggezzjoni sollevata mill-appellanti ma tinsabx li taqa’ taht xi wahda mill-ipotesijiet prevvisti fl-Artikolu 790 tal-Kodici ritwali u, anzi din il-Qorti hi sodisfatta li s-sentenza appellata, skarna minn dak kollu li hu zejjed jew talvolta apparentement kontradittorju, hi gusta fis-sustanza taghha. Dan anke fl-ambitu tal-punt sollevat tan-*non sequitur* in kwantu c-cahda tat-talba ta’ l-attrici kienet necessarjament timplika *per impliciter* l-akkoljiment ta’ l-eccezzjoni tal-konvenuti fil-mertu. In bazi ghal dawn ir-riflessjonijiet l-ewwel aggravju ma jistax jigi milqugh;

Hu dispost mill-Artikolu 10 (1) tal-Kapitolu 380 illi “f’kull decizjoni li jaghti l-Gudikatur ghandu jiddeciedi dwar l-ispejjez li xi wahda mill-partijiet ikollha tbati”. Hekk ukoll

ghamel it-Tribunal f'dan il-kaz. Forsi aktar minn aggravju veru u proprju, l-appellanti tattira l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghall-kontradittorjeta` li tezisti bejn l-imposizzjoni fuqha ta' l-ispejjez gudizzjarji fil-parti ultima tas-sentenza u r-rimarka f'pagna 2 tas-sentenza bil-kliem "spejjez a karigu taz-zewg partijiet". Indubitament, din ir-rimarka hi wahda merament *lapsus calami* li, ghalkemm ma kellhiex issib postha fis-sentenza, ma kienetx lanqas taffettwa s-sustanza taghha. F'kull kaz, hi wkoll ininfluwenti fuq il-parti deciziva tas-sentenza li ddeterminat li l-ispejjez jitbatew mill-attrici ghas-semplici raguni illi dik l-istess rimarka ma kienetx tifforma parti integranti mill-motivazzjoni tat-Tribunal, u ddahhlet biss, minghajr ma kien hemm htiega taghha, wara l-esposizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u, allura qabel il-parti razzjonali tas-sentenza;

Fuq it-tielet motiv ta' aggravju jibda biex jigi osservat illi l-materja in kontestazzjoni quddiem it-Tribunal in bazi ghad-domanda skond l-att introduttiv tal-gudizzju kienet tippernja ruhha fuq jekk il-konvenuti kellhomx huma wkoll jikkontribwixxu jew jaghmlu tajjeb bl-import ta' sehemhom ghall-ispiza mwettqa mill-attrici ghall-kuri u bzonnijiet ta' l-omm. L-appellanti tilmenta illi t-Tribunal ma afferrax kif misthoqq din id-domanda taghha u ma apprezzax lanqas illi ma setax ikun li hi jkollha ggorr wehidha l-piz finanzjarju. Konsegwentement, hi ticcensura lit-Tribunal illli fl-evalwazzjoni li ghamel dan ma amministrax l-gustizzja ekwitativa skond il-ligi, u dan gabilha pregudizzju. Naturalment, b'din is-sottomissjoni l-appellanti qeghda tippretendi illi t-Tribunal ivvjola d-disposizzjoni tal-ligi specjali li tghid illi "t-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontrotalba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita`" [Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380];

Din il-Qorti diga` kellha okkazjoni bosta drabi tesprimi l-hsieb taghha fuq il-kuncett ta' l-ekwita`. B'mod generali, illi l-uzu ta' l-ekwita` bhala strument ta' gudizzju ghar-raggungiment tal-gustizzja fil-kaz singolari u in bazi ghall-

fattispeci partikolari tieghu, kien hekk konsentit in mertu ghal valutazzjoni tal-fatti jew biex jikkolma certu vojt fil-provi u, fejn okkorrenti, u hekk permissibbli, biex il-Gudikatur jiddevja mir-rigur tal-legalizmu zejjed u l-formalizmu ezagerat. Mhux ukoll pero` biex tigi injorata l-ligi jew l-esigenza tad-dritt applikabbli ghal kaz konkret. L-illustrazzjoni ta' dan il-kuncett kif jinzel minn bosta decizjonijiet ta' din l-istess Qorti kif presjeduta hi pjuttost cara u netta. Ara fost ohrajn "**Dr. Tonio Azzopardi -vs- Daniel Cini**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 12 ta' Mejju 2003 u "**Andrew Spiteri -vs- Anthony Camilleri**" 5 ta'' April, 2006. Hekk ukoll gie ravvizat, dejjem minn din l-istess Qorti, illi l-kuncett ta' l-ekwita` ma jistax ikun intiz bhala xi fonti awtonoma mil-ligi in kwantu dan jista' jwassal ghall-kuntrast mal-principju tal-legalita` u tat-tutela tad-drittijiet. Ulterjorment ssokta jigi kkummentat illi "forsi jkun aktar logiku jekk wiehed jirraguna illi f'sistema fejn il-ligi miktuba hi strument principali ta' attwazzjoni, il-kuncett ta' l-ekwita` ghandu jaspira ruhu ghar-regola ta' gudizzju li, ghalkemm mhix miktuba, tikkonsenti, b'riferiment ghall-kaz konkret, ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b'mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fattispeci. Dan bil-ghan li jigi evitat li l-Gudikatur jiskonfina fl-arbitriju. Naturalment, ukoll, kif drabi ohra rilevat, it-Tribunal, anke jekk ghab-bazi ta' l-ekwita`, ma ghandux dritt li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghal mertu. Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet "**Blye Engineering Co. Ltd -vs- Vincent Caruana**", Appell, 27 ta' Ottubru, 2000." Din is-silta appena riprodotta hi estratta mis-sentenza ta' din il-Qorti (gurisdizzjoni Inferjuri, Ghawdex) tal-5 ta' Lulju, 2006 in re: "**Paul Portelli -vs- Pawla Buttigieg *et***";

Ipprecizat dan, lanqas ma huwa l-kaz illi t-Tribunal ma interpretax u ma evalwax sewwa l-fatti biex jista' jinghad li giet mahluqa xi inikwita` di fronte ghall-appellanti. Bejn il-partijiet ma kien jezisti ebda patt jew konvenzjoni, krejattiva ta' xi obbligazzjoni jew rapport guridiku, illi l-konvenuti kellhom jaghmlu tajjeb bi spejjez proprji jew b'forma ta' kontribuzzjoni talli l-attrici ohthom kienet qed tiehu kura ta' l-omm. Huwa, anzi, indikattiv illi meta l-

attrici giet iddonata hames sesti (5/6) ta’ fond immobiljari appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn l-omm u zewgha dan sar bl-intendiment illi l-attrici tippresta s-servizzi taghha lill-omm. Veru li tezisti gurisprudenza kopjuza fejn hu affermat il-principju illi kwalunkwe servigi rezi jsiru dejjem bil-presunzjoni tal-kumpens. Mhux pero lanqas eskluz li jistghu jezistu f’certi kazijiet, u skond il-provi, cirkostanzi li jiggustifikaw il-gratuwita, ghax, per ezempju, min jippresta dawk is-servigi jkun hu wkoll diga gie preventivament gratifikat. F’kull kaz u in ultima analisi anke jekk l-appellanti tinsisti illi hi mhix servigi qed titlob izda rimbors ta’ spejjez, xorta wahda din il-pretensjoni taghha mhix sorretta ghaliex it-talba taghha ma setghetx tigi diretta fil-konfront tal-konvenuti izda, se mai, kontra l-omm li fl-interess taghha saru dawk l-ispejjez, u wara d-debita konsiderazzjoni tal-mezzi ta’ din. F’din l-ottika t-Tribunal kien korrett li cahad it-talba ta’ l-attrici.

Ghal motivi kollha superjorment dedotti din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata anke jekk issa b’konsiderazzjonijiet aktar elaborati. L-ispejjez relattivi ta’ din l-istanza jibqghu a karigu ta’ l-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------